

Dispożittiv

Miżura nazzjonali illi, fil-kuntest tat-tassazzjoni ta' dividendi ta' ishma bħala qligħ tal-kapital fil-limitu ta' qligħ fiss ikkalkolat għall-applikazzjoni ta' perċentwali ddeterminata fuq bażi li tinkludi, barra l-kapital investit mill-azzjonista, parti mis-salarji mħallsa lill-ħaddiema tal-kumpannija li tqassam, ma tawtorizzax li jittieħdu in konsiderazzjoni s-salarji tal-ħaddiema impjegati f'fergħa ta' din il-kumpannija, jew minn sussidjarja ta' din ta' l-aħħar, f'pajjiż terz, teffettwa b'mod qawwi l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment fis-sens ta' l-Artikolu 43 KE u ta' wara. Dawn ta' l-aħħar ma jstgħux jiġu invokati f'sitwazzjoni li tikkonċerna l-istabbiliment ta' kumpannija ta' Stat Membru f'pajjiż terz.

(¹) ĠU C 106 tat-30.4.2005.

Appell imressaq fit-13 ta' Frar 2007 minn Smanor SA, Hubert Ségaud, Monique Ségaud kontra d-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) mogħti fl-14 ta' Diċembru 2006 fil-kawża T-150/06, Smanor et vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-99/07 P)

(2007/C 170/15)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Smanor SA, Hubert Ségaud, Monique Ségaud (rappreżentanti: J.P Ekeu u L. Roques, Avukati)

Parti oħra fil-kawża: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Permezz ta' digriet tat-23 ta' Mejju 2007, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ħadhet l-appell u ordnat lil Smanor SA kif ukoll lil H.Ségaud u lil M.Ségaud ibatu l-ispejjeż tagħhom.

Appell imressaq fis-16 ta' April 2007 minn France Télécom SA kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla Estiża) mogħtija fit-30 ta' Jannar 2007 fil-kawża T-340/03, France Telecom SA vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża C-202/07 P)

(2007/C 170/16)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: France Télécom SA, li qabel kienet Wanadoo Interactive SA (rappreżentanti: O.W. Brouwer, H. Calvet, J. Philippe u T. Janssens, avukati)

Parti oħra fil-kawża: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

It-talbiet tar-rikorrenti

- tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej fil-kawża T-340/03, France Télécom SA vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, li ħadhet irrikors kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tas-16 ta' Lulju 2003, dwar proċedura għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 82 [KE] (Każ COMP/38.233 — Wanadoo Interactive);
- konsegwentement
 - jew tibgħat il-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex tingħata deċiżjoni mill-ġdid;
 - jew tiddeċiedi definittivament billi tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, tas-16 ta' Lulju 2003, dwar proċedura għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 82 [KE] (Każ COMP/38.233 — Wanadoo Interactive), billi għaldaqstant tilqa' t-talbiet ippreżentati mir-rikorrenti fl-ewwel istanza.
- tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tbatli l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti tinvoka seba' motivi in sostenn ta' l-appell tagħha.

Permezz ta' l-ewwel motiv tagħha, hija ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza naqset mill-obbligu ta' motivazzjoni li hija kellha kemm fir-rigward tal-possibbiltà ta' rkupru tat-telf, li kellu jiġi pprovat, kif ukoll f'dak li jikkonċerna d-dritt għall-allinjament mal-prezzijiet mitluba mill-impriżi kompetituri, li twarrab min-għajr spjegazzjoni mill-Qorti tal-Prim'Istanza.

Permezz tat-tieni motiv tagħha, ir-rikorrenti ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret l-Artikolu 82 KE billi ħadhet id-dritt lil Wanadoo li tikkonforma ruħha *bona fide* mal-prezzijiet tal-kompetituri tagħha. Issa, dan id-dritt ġie stabbilit kemm fil-prattika deċiżjonali tal-Kummissjoni u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll mid-duttrina u l-awtoritajiet Franċiżi tal-kompetizzjoni u jikkostitwixxi, barra minn hekk, l-uniku motiv għar-rikorrenti li tibqa' kompetittiva fis-suq.

Permezz tat-tielet motiv tagħha, din ta' l-aħħar issostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret ukoll l-Artikolu 82 KE billi ma pprojbixxiet il-metodu użat mill-Kummissjoni biex tikkalkola l-kopertura ta' l-ispejjeż, li wasslu għall-iżnaturazzjoni tat-test tal-prezzijiet predatorji meħtieġ mill-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, il-metodu li rrikorriet għalih il-Kummissjoni ma jippermettix li jkun magħruf jekk l-abbonati miksuba minn Wanadoo għamlux permezz ta' dan, tul iż-żmien ta' l-abbonament tagħhom, qliegħ jew telf.